# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King’s College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King’s College, London).**

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta 9 ta’ Lulju tas-sena 2002.**

**Numru 26**

**Avviz numru 1582/00/SM**

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Mangion Brothers Limited u b’digriet tad-19 ta’ Jannar 2001 isem il-konvenut ghandu jaqra’ Mangion Brothers (Zurrieq) Limited.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-14 ta’ Novembru tas-sena 2000 li permezz tieghu l-Korporazzjoni attrici sejhet lis-socjeta’ konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m’ghandiex tkun ikkundannata:**

**1. Thallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta’ hames mija u erba’ u sebghin lira Maltin u**

**tlieta u erbghin centezmu (Lm574.43,0) rapprezentanti danni minnha jew impjegati taghha kkagunati f'cable tad-dawl proprjeta' tal-Korporazzjoni attrici u liema danni gew ikkagunati nhar it-13 t'April 1998 f' Triq Napuljun, Zurrieq;**

**2. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Marzu tas-sena 2000, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali u bis-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-15 ta' Jannar tas-sena 2001 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:**

**1. Preliminarjament, illi hija giet notifikata bl-avviz aktar il-fuq precitat u hija m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' Mangion Brothers Limited ghal-liema raguni ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;**

**2. Illi sekondarjament u minghajr pregudizzju qabel issir kwalunkwe talba ghad-danni allegatament kagunati, ghandha ssir referenza cara u esplicita tat-tip u x'hix kienet tikkonsisti din il-hsara;**

**3. Illi fil-mertu, l-impjegati tas-socjeta' esponenti, ma setghu qatt ikkagunaw xi forma ta' hsara, la fil-proprjeta' tas-socjeta' attrici u lanqas ta' terzi stante li fil-gurnata ndikata fl-avviz aktar il-fuq precitat, peress li fil-jum tat-13 t'April 1998, fi Triq Napuljun Zurrieq, kull ma kienu qeghdin jghamlu kien li jitrasferixxu makkinarju sabiex f'xi gurnata futura jibdew ix-xogholijiet izda fl-ebda hin ma kien hemm xi hadd minnhom li beda jahdem u dan kif jigi spjegat f'aktar dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**4. Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi jirrizulta li fit-13 t'April ta' l-1998 il-konsumaturi ta' l-elettriku spiccaw minghajr dawl fiz-Zurrieq;**

2. **Illi meta impjegati tal-Korporazzjoni attrici marru jispezzjonaw x'gara sabu li fuq il-post kien hemm trakk bin-numru ta' registrazzjoni CBC-869 flimkien ma gaffa minghajr numru ta' registrazzjoni;**

3. **Illi dawn l-impjegati rrizultalhom ukoll illi dawn it-trakk u gaffa kienu proprjeta' tas-socjeta' konvenuta;**

4. **Illi meta l-imsemmija impjegati investigaw aktar irrizultalhom minn x'impjegat tas-socjeta' konvenuta mhux identifikat li effettivament din is-socjeta' konvenuta kienet qed tghamel xogholijiet fl-inhawi u laqtet il-"cables", (ara fol 23);**

5. **Illi l-hsara sofferta mill-Korporazzjoni attrici tammonta ghall-hames mija u erba' u sebghin Lira Maltin, (LM574.00,0);**

**Ikkonsidrat:**

**Illi pero' din il-versjoni tal-Korporazzjoni attrici ma tirrizultax konfortata mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija u dan stante:**

1. **Illi x-xoghol ta' eskavar fit-triq de quo kien qed isir minn Christopher Saliba;**

**2. Illi s-socjeta' li kienet hadet il-kuntratt ta' xoghol in dizamina hi indikata bhala "Manbros Ltd";**

**3. Illi nonostante l-fatt li l-Korporazzjoni attrici kienet obbligata turi ezatt il-post fejn kellu jsir ix-xoghol biex jigu evitati incidenti inutili, din baqghet inadempjenti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi in effetti l-Korporazzjoni attrici kkonkludiet li l-hsara saret mis-socjeta' konvenuta peress li fuq il-post instabu t-trakk u l-gaffa fuq riferiti;**

**Illi jirrizulta li l-gaffa in dizamina ma kienitx fil-post fejn sehhet il-hsara izda f'passagg ta' go plott;**

**Illi jirrizulta li l-gaffa in dizamina ma kienitx wahda tajba ghat-thafir izda tajba biex thammel il-hamrija;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi jirrizulta li l-konkluzjonijiet li wasslu ghalihom l-impjegati tal-Korporazjoni attrici huma ibbazati fuq deposizzjonijiet ta' persuni li ma gewx identifikati minnhom u wisq anqas tpoggew ghad-disposizzjoni tas-socjeta' konvenuta;**

**Ghaldaqstant din il-qorti ma tqisx li l-Korporazzjoni attrici pprovat il-kaz taghha skond il-ligi u filwaqt li tirrespingi t-talbiet taghha tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**